# Tikdid

Fernando Pessoa
*Traduzzjoni ta' Kevin Saliba*

**Litanija**

Qatt ma jseħħilna nwettqu ruħna.
Aħna żewġ abbissi – bir jiċċassa fis-sema.

* * *

Għandu mnejn wasal iż-żmien li nagħmel sforz konkret biex indur daqsxejn dawra ma' ħajti. Qed narani f'nofs deżert bla tmiem. Nitkellem dwar dak li letterarjament kont ilbieraħ. Qed nittanta nfisser lili nnifsi proprju kif wasalt hawnhekk.

* * *

Mibluh nibqa' kull meta nlesti xi ħaġa. Mibluh u mikdud. L-istint perfezzjonist tiegħi għandu jżommni milli nlesti; anzi għandu jżommni saħansitra milli nibda. Iżda mbagħad naljena rasi u erħini nixxiegħel. Dak li nasal nikseb, ġewwa fija, ma jkunx prodott tat-twettiq tar-rieda tiegħi iżda tat-toħlija tagħha. Nibda għax m'għandix saħħa naħseb, inlesti għax m'għandix kuraġġ nieqaf. Dal-ktieb il-ġifagħni tiegħi.

Ir-raġuni l-għala bosta drabi nwaqqaf xi ħsieb ħesrem b'xi deskrizzjoni ta' pajsaġġ li b'xi mod jidħol fl-iskema, reali jew mistħajla, tal-impressjonijiet

tiegħi, huwa li daka l-pajsaġġ ikun bieb li jħarrabni mill-għarfien tal-impotenza kreattiva tiegħi. Bejn dat-taħdit miegħi nnifsi li jsawwar il-kliem ta' dal-ktieb, inħoss il-ħtieġa, għal għarrieda, li nitkellem ma' xi ħadd ieħor, u allura ndur fuq id-dawl li jiġġiera, kif qed jiġri issa, mal-bjut tad-djar li donnhom imniddin; indur fuq it-tħaxwix ħlejju tas-siġar għoljin ta' fuq għoljiet il-belt, li jidhru fil-qorbien, f'qagħda possibbli ta' tiġrif sieket; indur fuq id-djar imżerżqa qishom kartelluni mrikkbin wieħed fuq l-ieħor, bi twieqi donnhom ittri fejn ix-xemx sfajra ddieheb il-kolla umda.

Għalfejn nikteb ladarba ma nistax nikteb aħjar? Xi jsir minni kieku ma niktibx dak li jseħħli nikteb, ikun kemm ikun taħtieni ħdejn dak illi jien? Jiena plebew tal-aspirazzjoni, għax nittanta nkewwen xi ħaġa; bħal xi ħadd beżgħan f'xi kamra mudlama, nibqa' sieket ma naqdarx. Jien bħal dawk li japprezzaw iżjed il-midalja milli t-taħbit li tkun swiet, u li jgawdu l-glorja mill-pelliċċa tal-ermellin.

Għalija li nikteb ifisser li nkasbar lili nnfisi, iżda ma nistax nieqaf nikteb. Il-kitba hija droga li nistmell iżda li neħodha xorta, il-vizzju li nobgħod iżda li b'riħtu ngħix. Hemm smum meħtieġa, uħud minnhom sotillissimi, magħmula minn ingredjenti tar-ruħ, ħxejjex miġbura mir-reċessi tal-ħereb tal-ħolm, peprin iswed misjub biswit l-oqbra tal-għanijiet tagħna, werqiet twal ta' siġar oxxeni li jxejru l-friegħi fuq id-digi mismugħa mix-xmajjar tenebrużi tar-ruħ.

Hekk hu, li nikteb ifisser li nintilef, iżda kulħadd jintilef, għax kollox telfien. Iżda bla allegrija nintilef jien, mhux bħal xmara fl-estwarju li għalih bla ma taf din twieldet, iżda bħal għadajra fuq bajja, imsawra minn frugħ il-baħar, li tagħha l-ilma le jerġa' lura fil-baħar iżda mir-ramel jinxtorob.

* * *

Li ssawwar biċċa xogħol biex imbagħad, appena tlestiha, iddonnha magħmula ħażin hija waħda mill-ikbar traġedji tar-ruħ. Tkun kbira l-iżjed meta tagħraf li dik il-biċċa xogħol tkun l-iprem waħda li qatt stajt tisnogħ. Iżda l-quċċata tal-moħqrija u tat-tkejjin tal-ispirtu hija meta hekda kif taqbad tikteb biċċa xogħol tkun ġa taf minn qabel li din se tkun, tara xejn, imperfetta u difettuża; meta tintebaħ, int u tiktibha, li hija imperfetta u difettuża. Mhux biss ma jien sodisfatt xejn bil-vrus li qed nikteb dis-siegħa, iżda naf ukoll li l-vrus li għad nikteb mhux se jissodisfawni lanqas. Naf dan kemm b'mod filosofiku u kemm b'mod karnali, b'teħbira mgħamma u gladjolata.

Għaliex nikteb, allura? Għax iċ-ċaħda, nippritkaha kemm nippritkaha, għadni ma tgħallimtx inġibha bis-sħiħ fil-pratka. Ma tgħallimtx nixħetha warajja dix-xeħta għall-proża u l-poeżija. Ikolli nikteb, bħalkieku qiegħed niskonta xi piena. U l-ikbar piena hija l-għarfien li nikteb x'nikteb l-eżitu se jkun għalkollox inutli, difettuż u dubjuż.

Kont ġa nikteb xi versi meta kont tifel. Kont nikteb versi ħżiena pessmi, iżda dak iż-żmien kont inqishom perfetti. Qatt ma se jerġa' jseħħli nġarrab dik l-għoġba fażulla li qiegħed insawwar biċċa xogħol perfetta. Dak li qed nikteb illum ferm aħjar. Huwa saħansitra aħjar minn dak li qatt jista' jinkiteb mill-aqwa awturi. Iżda huwa infinitament taħtieni ħdejn dak li, ma nafx għaliex, inħoss illi nista' – jew forsi għandi – nikteb. Nibki fuq dawka l-versi pessmi ta' tfuliti bħalkieku kienu tifel mejjet, iben mejjet, tama aħħarija li marret attorġu.

* * *

Għaliex għandi ninkedd li ħadd ma jaqra dak li nikteb? Nikteb biex ninsa l-ħajja, u nippubblika għax dik waħda mill-irwiegel ta'dil-logħba. Li kieku għada kulma ktibt kellu jintilef żgur jisgħobbija, iżda, ċert u żgur, li mhux b'xi sogħba qalila u mbaqbqa – kif forsi wieħed jistenna – ladarba ma' kitbieti tgħib ukoll ħajti kollha. Aktarx inkun bħal dik l-omm li titlef lil binha u li tistejqer fi ftit xhur qisha mhix hi. L-art kbira li tindokra l-mejtin, b'mod inqas matern, tindokra wkoll lil dawn l-iskritti. Sitta u sitta tnax, u ninsab żgur illi kien hawn nies li l-ħajja għexuha bla xejn paċenzja ma' dat-tifel li baqa' mqajjem, u xtaqu biss dik il-paċi li taqa', fl-aħħar, xħin dat-tifel jidħol jorqod.

* * *

Inħoss il-ħin b'uġigħ kbir. Kull ħaġa nħalliha warajja b'kommozzjoni esaġerata. Il-povra kamra tal-kiri fejn għaddejt xi ftit tax-xhur, il-mejda tal-ikel tal-lukanda provinċjali fejn qgħadt xi ftit tal-jiem, saħansitra s-sala dgħumija tal-istennija tal-istazzjon fejn qattajt sagħtejn nistenna t-tren: hekk hu, xħin nitlaqhom warajja l-ħwejjeġ is-sbieħ tal-ħajja jweġġgħuni b'mod metafiżiku, u hemm nagħraf, bis-sensibbiltà kollha tan-nervi tiegħi, li qatt m'għad nerġa' narahom u li qatt m'għad jerġgħu jkunu għandi, almenu żgur mhux f'daka l-waqt preċiż u eżatt. Ġo ruħi jinfetaħ dagħbien u nħoss żiffa kiesħa tas-siegħa t'Alla tonfoħ mal-isfajjar wiċċi.

Il-ħin! Iż-żmien! L-imgħoddi! Xi ħaġa, leħen, diska, fwieħa ta' bla ħsieb – tgħollili l-purtieri tat-tifkiriet ta' ruħi... dak li darba kont u li m'għad nerġa' nkun qatt! Dak li kelli xi darba u li mhu se jerġa' jkun tiegħi qatt! Il-Mejtin! Il-mejtin li ħabbewni fi tfuliti! Meta nerġa' nġibhom f'moħħi tirżaħli ruħi u nħossni mżawwal mill-qlub kollha, waħdi fil-lejl tiegħi nnifsi, nibki bħal tallab is-skiet mitbuq tal-bibien kollha.

* * *

Għajja kbira għandi f'ruħ qalbi. Ninsab imtaqqal f'did-diqa minħabba dak it-tali li qatt ma kont, u m'iniex fis-sew b'liem għamla ta' nostalġija qed inġibu f'moħħi. Waqajt żorba – ma' kull inżul ix-xemx – għal fuq it-tamiet u l-iżgurizzi tiegħi.

* * *

Ma nafx x'inhu l-ħin. Ma nafx liem mezz ikejlu, jekk jitkejjel b'xi mezz. Naf li l-kejl tal-arloġġ huwa falz: jaqsam il-ħin b'mod spazjali, minn barra. Dak tal-emozzjonijiet falz ukoll, naf: mhux il-ħin jaqsam, iżda lis-sensazzjoni tiegħu. Il-kejl tal-ħolm żbaljat; dawn ngħaddu żbrixx minn magħhom bil-ħin, daqqa bil-mod, daqqa bilġri, u dak li nġarrbu jkun mgħaġġel jew kajman skont mogħdija li n-natura tagħha ma nifhimhiex.

Kultant jidhirli li kollox falz, u li l-ħin mhuwa xejn għajr gwarniċ li jinkwadra fih dak illi għalih huwa barrani. Meta noqgħod naħseb fl-imgħoddi tiegħi, iż-żminijiet ikunu rranġati f'livelli u fi pjani assurdi, u jiena, f'ċertu jum tal-età solenni ta' ħmistax-il sena, inkun iżgħar minn meta kont sabi bilqiegħda qalb il-ġugarelli.

Titħarbatli l-koxjenza jekk naħseb fuq dal-ħwejjeġ. Naf li hemm żball, iżda fejn ma nafx. Huwa bħalkieku qiegħed nara xi tagħlita tal-maġija filwaqt li nkun naf li jridu jqarrqu bija, iżda t-teknika jew il-mekkanika tat-taqriqa ma nifhimhomx.

U jiġuni ħsibijiet assurdi li wara kollox ma nasalx ngħoddhom b'assurdi għalkollox. Nistaqsi lili nnifsi jekk raġel li jkun qed jimmedita bil-mod f'karozza għaddejja mgħaġġla, nistaqsi lili nnifsi jekk dan ikunx għaddej bilġri jew bil-mod. Nistaqsi lili nnifsi jekk wieħed suwiċida u ieħor li jitlef il-bilanċ minn fuq spjanata tassew jaqgħux il-baħar it-tnejn bl-istess veloċità identika. Nistaqsi lili nnifsi jekk il-movimenti (li jokkupaw l-istess ħin) li npejjep sigarrett, li

nikteb dan it-test u li naħseb b'mod impreċiż humiex ilkoll imwaqqta b'mod sinkroniku tabilħaqq.

Nistgħu nqisu b'minnu li bejn żewġ roti bl-istess fus waħda dejjem tkun xi nikta iżjed mqaddma mill-oħra, imqar jekk b'xi frazzjoni ta' millimetru. Mikroskopju kapaċi jesaġera dan l-ispostament sa ma jġibu kważi ma jitwemminx, impossibbli kieku ma jkunx veru minnu. U dan għaliex m'għandux ikollu raġun il-mikroskopju iżjed milli l-vista ħażina tagħna? Riflessjonijiet bla siwi dawn? Dak nafu sewwa. Riflessjonijiet jeqirduk? Dik nammettiha. Iżda x'taħbat dil-ħaġa li tkejjilna bla kejl u toqtolna bla lanqas biss teżisti? Ngħid għalija jkun fi wqat bħal dawn, meta 'qas biss inkun fis-sew jekk il-ħin jeżistix tassew, li nġarrab il-ħin bħalkieku kien persuna, u jkolli aptit immur norqod.

* * *

Xi wħud fil-ħajja jkollhom ħolma kbira u qatt ma jwettquha. Oħrajn fil-ħajja ma jkollhom ebda ħolma, u ma jwettquha qatt lanqas.

* * *

## Intervall

Żarmajt mill-ħajja qabel sulmank bdejtha, għaliex lanqas fil-ħolm ma qatt sibt li fiha għaxqa. Waqgħet fuqi l-għaja tal-ħolm ... Jien u nħossha ġarrabt bħal sensazzjoni esterjuri, falza, bħalkieku kont wasalt fix-xifer ta' triq bla tmiem. Ittrasbordajt minni nnifsi lejn xi mkien ma nafx fejn u bqajt proprju hekk: staġnat u inutli. Jiena xi ħaġa li m'għadhiex. Fejn inħoss li nkun ninsab ma nsibnix, u jekk infittixni ma nkunx naf min qed ifittixni. Dad-dwejjaq li sar jaqbadni b'kollox filiġni. Inħossni mtarraf minn ruħi nfisha.

Noqgħod nosservani. Inħożż lili nnifsi preżenti, miegħi stess. Ħsusi jgħaddu minn quddiemi, bħal ħwejjeġ esterni, quddiem min jaf liem ħarsa. Nagħmel x'nagħmel inxebba'lili nnifsi. Kull ħaġa, sa mill-ifnad għeruq misterjużi tagħha, għandha lewn id-dwejjaq tiegħi.

Il-fjuri li tawni s-Sigħat kienu dbielu diġà. M'għad nista' nagħmel xejn għajr noqgħod inneżżagħhom bil-qajl il-qajl.

L-iċken għemil iweġġagħni daqs xi att erojku. Nittaqqal nistħajjel saħansitra l-iċken ġest, bħalkieku dan ikun xi ħaġa li ħsibt li rrid inwettaq.

Ma naspira għal xejn. Il-ħajja tweġġagħni. Inħossni ħażin fejn ninsab u ġa qed inħossni ħażin bil-lest fl-inħawi li naħseb li nista' mmur.

L-aħjar ħaġa tkun li ma tagħmel ebda moviment għajr il-moviment falz ta' fawwara – titla' 'l fuq biex taqa' 'l isfel fl-istess post, tleqqen bix-xemx bla ebda fejda, tagħmel il-ħsejjes fis-sikta tal-lejl ħalli min ikun qed joħlom ħsiebu jmur fix-xmajjar u joħlom imbissem, fi sfiegħ in-nisi.

* * *

Jekk tistaqsuni iniex kuntent, inweġibkom li m'iniex.

* * *

Kollox qed jiżvinta minni. Ħajti kollha, tifkirieti, l-istħajjil kollu tiegħi b'kulma fih, il-personalità, kollox qed jiżvinta. Il-ħin kollu nħoss li kont xi ħadd ieħor, li ħassejt ħwejjeġ oħra, li ħsibt ħwejjeġ oħra. Qiegħed nara spettaklu b'xenarju ieħor. U dak li qiegħed nara huwa jien.

Ġieli nsib, fis-soltu tgerfix tal-kxaxen letterarji, paġni b'siltiet li ktibt għaxar ħmistax-il sena ilu, għandu mnejn anke qabel. U bosta minnhom jidhruli ta' xi ħadd għarib, ma nagħrafnix fihom. Kien hemm xi ħadd li kitibhom, u dak ix-xi ħadd kont jien. Kont jien li ħassejthom, iżda donnu f'ħajja oħra li stenbaħt minnha bħal qisu min-ngħas ta' xi tizju ieħor.

Tiġrili spiss li jiġu f'idi ħwejjeġ li ktibt fi żmien żgħożiti, daqs dsatax għoxrin sena. Uħud minnhom għandhom ħila espressiva li ma niftakarx li seta' kelli dik il-ħabta. Hemm ċerti frażijiet, minn diversi perjodi, miktuba minn fuq l-għatba taż-żgħożija, li jidhruli l-prodott ta' dak illi jiena llum, b'dak kollu li tgħallimt b'riħ il-ħwejjeġ u s-snin. Nagħraf li jien l-istess wieħed li kont dak iż-żmien. U, ġaladarba nħoss li għamilt progress kbir apparagun ma' dak li kont, niskanta fejn jista' jkun dal-progress kollu, kemm-il darba dak iż-żmien veru kont l-istess wieħed illi jiena llum.

F'dil-biċċa kollha hemm misteru li jġejjifni u jgħakkisni.

Ftit tal-jiem ilu ġibt għajnejja wara widnejja minħabba skritt qasir li ktibt fl-imgħoddi snin ilu. Niftakar sewwa li t-tfettiq tiegħi fil-lingwa, almenu b'mod relattiv, imur lura biss xi ftit tas-snin. F'kexxun minnhom sibt biċċa kitba, ferm iżjed antika, li fiha dal-istess tfettiq joħroġ fid-dieher bis-sod. Żgur ma kontx naf lili nnifsi sew dik il-ħabta. Dan kif seħħli navvanza lejn dak li kont diġà? Kif

stajt nagħraf illum dak li m'għaraftx ilbieraħ? U kollox jitgerfex f'labirint fejn, miegħi nnifsi, erħini ningħelet minni nnifsi.

Nerħi moħħi jimraħ u nħossni żgur li dak li qed nikteb kont ktibtu diġà. Niftakru. U nistaqsi lil dak li ġo fija għandu dil-pretensjoni li *huwa* jien jekk fil-Platoniżmu tas-sensazzjonijiet hemmx anamneżi oħra iżjed imġennba, tifkira oħra ta' ħajja preċedenti li tappartieni biss lil din il-ħajja ...

Mulej tiegħi, Mulej tiegħi, quddiem min ninsab jien? Kemm-il tizju ngħodd jien? Min hu jien? X'inhi dil-lakuna li tbejjen lili minni nnifsi?

* * *

Qatt ma nħobbu lil xi ħadd. Inħobbu biss dika l-idea li jkollna dwar xi ħadd. Fis-sew inkunu qed inħobbu l-kunċett tagħna: insomma, inħobbu lilna nfusna. Dan huwa minnu f'kull tip ta' mħabba. Fl-imħabba sesswali nfittxu l-pjaċir tagħna permezz ta' ġisem barrani. Fl-imħabba li mhix sesswali nfittxu l-pjaċir tagħna permezz ta'idea li jkollna. Il-masturbatur huwa abjett, iżda, biex ngħidu s-sew, il-masturbatur huwa l-espressjoni loġika perfetta ta' min iħobb. Huwa l-uniku wieħed li la joqgħod jagħmel tabirruħu u lanqas iqarraq bih inniffsu. Ir-relazzjonijiet bejn ruħ u oħra, espressi bi ħwejjeġ tant inċerti u varjabbli bħall-kliem komuni u l-ġesti, huma materja ta' kumplessità stramba. Fl-att stess li niltaqgħu nispiċċaw ma niltaqgħu xejn. Tnejn min-nies jgħidu 'l xuxlin il-kelma "nħobbok" jew jaħsbuha jew iħossuha b'mod xulxieni, iżda dawn it-tnejn ikunu jridu jesprimu idea differenti, ħajja differenti, u għandu mnejn, saħansitra lewn jew fwieħa differenti, fl-assjem astratt tal-impressjonijiet li jsawru l-attività tar-ruħ.

Illum ninsab luċidu bħalkieku ma neżistix. Il-ħsieb tiegħi huwa trasparenti bħal skeletru, mingħajr il-brandelli tal-laħam tal-illużjnoi tal-espressjoni. U dal-ħsibijiet, li nsawwar u mbagħad nabbanduna, ma twieldu minn xejn, minn xejn li jinsab, tal-inqas, fl-ewwel ringieli tal-koxjenza tiegħi. Forsi minn dik id-diżillużjoni li ħass l-impjegat tal-bankun man-namrata tiegħu, forsi minn xi frażi li qrajt fuq il-każi sentimentali li jġibu l-ġurnali mill-istampa barranija, forsi saħansitra minn nawżja vaga li nġorrha miegħi bla ma nista' nfissirha b'mod fiżiku ...

L-iskoljasta ta'Virġilju kien mar xagħwiet. Ħaġa tinftiehem din li qabelxejn tagħmel bina l-għaja. Li tgħix ifisser li ma taħsibx.

* * *

L-unika attitudni li tixraq lil bniedem superjuri hija l-persistenza tenaċi f'attività li jgħoddha b'inutli, id-diri f'dixxiplina li jaf li ma tfidx, u l-użu fiss ta' normi tal-ħsieb filosofiku u metafiżiku li jidher bla siwi għalkollox.

* * *

Dejjem irroftajt li ninftiehem. Li tinftiehem tfisser li titqaħħab. Nippreferi li n-nies jeħduni bis-serjetà għal dak li m'iniex, li jinjorawni b'mod uman, b'diċenza u b'naturalezza.

Xejn ma jgħaddabni iżjed mill-fatt li tal-uffiċċju jgħodduni b'differenti. Irrid ingawdi miegħi nnifsi l-ironija tal-fatt li ma jgħoddunix b'differenti. Irrid daċ-ċiliċju: li jqisuni wieħed bħalhom. Irrid dil-kruċifissjoni: li ma jdonnunix differenti. Hemm martirji iżjed sottili minn dawk li tniżżlu fl-istorja dwar il-qaddisin u l-eremiti. Hemm turmenti tal-intelliġenza bħalma hemm ukoll turmenti tal-ġisem u tar-rieda. U f'dawna t-turmenti, bħal f'kull turment ieħor, hemm ċerta voluttà.

* * *

Li jkollok opinjoni tfisser li tbigħ ruħek miegħek innifsek. Li ma jkollokx opinjoni tfisser li teżisti. Li jkollok kull opinjoni tfisser li tkun poeta.

* * *

**Assurd**

Imissna nagħmluha ta' sfinġi, sakemm ninsew min aħna. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar m'aħniex, ngħiduha kif inhi, għajr qatta sfinġi foloz, bla 'qas biss l-iċken ħjiel ta' min aħna. L-uniku mod kif ningwalawha mal-ħajja huwa li neħduha magħna nfusna. L-assurd huwa d-divin.

Ejjew niżvolġu teoriji, immaħħu fuqhom bis-sabar u bis-sedqa, għalbiex imbagħad dlonk nagħmlu kollox bil-kontra – naġixxu u niġġustifikaw l-aġajjar tagħna b'teoriji ġodda li jħaqquha qatta bla ħabel magħhom. Ejjew f'dil-ħajja tagħna naqbdu dik it-tali triq, għalbiex imbagħad wara noqogħdu nimxuha bil-kontra. Ejjew niddilittaw b'ġesti u b'pożi ta' xi ħadd li aħna m'aħniex, ta' xi

ħaġa li la nixtiequ nkunu u 'qas biss irridu li n-nies jdonnu li aħna.
Ejjew nixtru kotba mbagħad ma naqrawhomx; immorru kunċerti bla 'qas kas tal-mużika jew ta' min ġie jew le; ejjew nimxu passiġġati twal għaliex issa ormaj xbajna nimxu. Ejjew immorru nqattgħu erbat ijiem fil-kampanja, ġaladarba nafu kemm din iddejjaqna.

* * *

Jeżistux jew le, aħna lsiera tal-allat.

* * *

Irridu ngħoddu kulma jgħaddi għala minna b'inċident jew b'episodju minn xi rumanz, minn xi rumanz li mhux bl-għajnejn jinqara iżda bil-ħajja. B'din l-attitudni biss iseħħilna nvinċu l-ħżunija ta' kuljum u l-barma u l-fitla tal-ġrajjiet.

* * *

O lejl li fik il-kwiekeb ifalzu d-dawl, o lejl, kejl waħdieni ta' qies l-Univers, agħmilni, b'ruħi u b'ġismi, biċċa minn ġismek, ħalli fid-dlam pur nintilef u lejl insir jien ukoll, mingħajr ħolm ikewkeb ġo fija, mingħajr xemx mixtieqa ddawwal li ġej.